*Minn Charles Debono*
*Kuratur tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra*

# L-istazzjonar ta' laneċ tas-salvataġġ f'tal-Veċċa, San Pawl il-Baħar 1941-42

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija twaqqgħu ħafna ajpruplani fuq Malta, kemm Ingliżi, kif ukoll kif ukoll tar-*Regia Aeronautica* u l-*Luftwaffe*. Numru sostanzjali ta' bdoti irnexxielhom isallvaw billi qabżu mill-ajruplan li jkun intlaqat, bil-paraxutt. Mhux kollha niżlu fuq l-art. Kemmxejn minnhom spiċċaw fil-baħar. Għalhekk fl-ewwel xhur tal-attakki fuq Malta, r-*Royal Air Force* (RAF) organizzat *unit* tas-salvataġġ f'Kalafrana.



*Veduta mill-ajru tal-Bajja ta' San Pawl il-Baħar.*
*(Sors: www.panoramio.com)*

Għall-aħħar ta' Settembru 1941, intbagħat lejn Malta il-Konvoj Operazzjoni *Halberd*. Abbord tliet bastimenti merkantili minnhom kien ħemm tliet laneċ tas-salvataġġ, li kienu *HSL 128, HSL129* u *HSL 148*. Sfortunatament, l-bastiment li kien qed iġorr l-aħħar lanċa, l-*Imperial Star*, ġiet mgħarrqa. Għalhekk, kienu wasslu f'Malta żewġ laneċ biss. Sadanittant, peress li x-xogħol żdied ħafna, ġie deċiż li titwaqqaf bażi oħra tal-laneċ tas-salvataġġ f'San Pawl il-Baħar, eżattament f'Tal-Veċċja. Il-bażi l-ġdida twaqqfet fis-6 ta' Ottubru 1941, u kienet magħrufa bħala *Air-Sea Rescue Unit No.205*. F'din il-ġurnata ntbgħatu żewġ laneċ *HSL128, ST280* u *dinghy* bil-mutur. L-akkomadazzjoni tal-*personnel* li kienu joperaw *HSL128* kienet f'*Sunderland House*, biswit il-moll tal-Veċċja,



*Il-lanċa tas-salvataġġ HSL128 sorġuta mall-moll f'Tal-Veċċja, San Pawl il-Baħar.*
*(Sors: Mużew Nazzjonali tal-Gwerra – Heritage Malta)*

*HSL128* ġiet imsejjħa għall-ewwel darba minn San Pawl il-Baħar fid-9 ta' Ottubru meta fl-4.00am ġie rrapurtat li waqa' ajruplan tal-attakk Ingliż 20 mil fil-grigal ta' Selmun. It-tfittxija

*ikompli f'paġna 116*

irriżultat fin-negattiv, pero l-lanċa ġiet milquta bi sparar minn ajruplan tal-għadu. Ftit sarilitha ħsara l-lanċa, pero l-*Master* tagħha *Flying Officer* McIntosh ġie ferut u aktar tard intbgħat l-Ingilterra. Postu ttieħed minn *Pilot Officer* George Crockett. Fl-20 ta' Ottubru Crockett laħaq uffiċjal tal-*ASR/MCS unit* minflok *Flight Lieutenant* Edward Hardie. F'Novembru Crockett ġie promos għal *Flying Officer* u aktar tard *Flight Lieutenant*. Crockett kien l-uffiċjal kmandant tal-flotta żgħira ta' laneċ, pero hu kien ukoll *Master* ta' *HSL107*. Bħala *Master* ta *HSL128* ġie appuntat Blake-Smith. Fit-22 ta' Ottubru twaqqa ajruplan Ingliż tat-tip Hurricane qrib il-gżejjer ta' San Pawl, pero l-bdot irnexxielu jaqbez, fejn ġie salvat minn *ST280*.



*Ritratt meħud fl-2015 ta' Sunderland House, f'Tal-Veċċja, San Pawl il-Baħar. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur)*

Fit-2 ta' Jannar 1942, *HSL128* taħt il-kmand ta' *Flying Officer* Nicolls, irritornat lura Kalafrana. L-għada, *Flying Officer* Evans fuq *HSL107* salpa lejn San Pawl il-Baħar. Nicols mar ma' Evans lura lejn San Pawl il-Baħar, fejn qatta' diversi sigħat jiffamiljarizza ruħu fil-bażi l-ġdida, qabel ma' rritorna lura Kalafrana. Fit-18 ta' Jannar, Nicolls irritorna lura lejn Kalafrana fejn ħa f'idejh il-kmand ta' *HSL129*, mentri Evans ħa l-kmand ta *HSL107* f'San Pawl il-Baħar. Fit-3 ta' Frar, wara li intlaqtet *HSL129* f'Kalafrana minn numru ta' bombi, Crockett ċempel lil Evans f'San Pawl il-Baħar, li ma kienx għad fadal laneċ tas-salvataġġ f'Kalafrana. Għalhekk inħass il-bżonn li *HSL107* tintbgħat Kalafrana matul il-lejl. *HSL107* telqet minn San Pawl il-Baħar fil-11.00pm u waslet Kalafrana ftit wara nofsilejl. Wara li *HSL128* issewiet, *HSL107* salpat lura bil-lejl lejn San Pawl il-Baħar fil-31 ta' Marzu 1942, taħt il-kmand ta *Pilot Officer* Warren.




*Il-lanċa tas-salvataġġ HSL107 tirritorna lura lejn il-bazi tagħha fil-Bajja ta San Pawl il-Baħar. (Sors: Mużew Nazzjonali tal-Gwerra – Heritage Malta)*

Matul il-lejl tat-13-14 ta' Gunju tqegħdet *dummy flare path* fil-Bajja tal-Mellieħa, bl-intenzjoni li tattira ajruplani tal-għadu waqt li jkunu fuq Malta. Din saret minħabba li kienu se jintbagħtu żewġ konvojs lejn Malta, magħrufha bil-kodiċi bħala Operazjoni *Harpoon* u Operazjoni *Vigorous*, u biex ukoll jkunu jistgħu jiġu mħatta fil-Port il-Kbir mingħajr interferenza. Matul il-lejl ta' wara Crockett ħalla l-bażi tiegħu f'San Pawl il-

Baħar fis-*seaplane tender*, li kienet qegħda tiġbed warajha tliet *flare floats*, fejn għaddiet minn bejn Selmun u l-gżejjer ta' San Pawl, fi triqtu lejn il-Bajja tal-Mellieħa. Hemmek tqegħdet il-*flare path* u wara li spiċċat din l-operazzjoni, Crockett reġa rritorna lura San Pawl il-Baħar. Siegħa qabel ma telgħet ix-xemx Crockett reġa mar il-Bajja tal-Mellieħa, fejn ġibet lura il-*flare path* lejn San Pawl il-Baħar. Din l-operazzjoni saret diversi drabi u jidher li kien hemm tal-inqas diversi attentati biex tiġi ibbumbardjatha. Matul il-lejl tas-16-17 ta' Ġunju u l-erbgħa ljieli ta' wara nxtegħlet id-*dummy flare path* sakemm il-bastimenti merkantili *Orari* u *Troilus* tħattew mit-tagħbija tagħhom.



*Il-lanċa tas-salvataġġ HSL100 fil-Bajja ta San Pawl il-Baħar.*
*(Sors: Mużew Nazzjonali tal-Gwerra – Heritage Malta)*

Ir-*Royal Army Service Corps* (RAMSC) kellhom żewġ laneċ veloċi f'Malta. Waħda minn dawn il-laneċ *Snipe* ġiet mgħarrqa fil-bażi ta' San Pawl il-Baħar. L-oħra li kien jisimha *Clive*, kellha bżonn ċertu tiswija u alterazzjonijiet, fejn Crockett, wara li kiseb l-approvazzjoni, ingħatat in-numru *HSL100*, u ġiet stazzjonatha f'Tas-Sliema.

Matul dan il-perjodu tkomplew l-attakki fuq bażijiet u bastimenti tal-għadu. Kas minnhom seħħ fit-28 ta' Lulju 1942, meta ajruplan Ingliż tat-tip Bristol Beaufort tan-*No.217 Squadron* attakka bastiment merkantili Taljan li kien 'il barra mill-kosta tan-nofsinhar tal-Greċja. Waqt dan l-attakk *destroyer* Taljan li kien fil-viċinanzi spara kontra dan l-ajruplan u ntlaqqat u spiċċa kkraxxja fil-baħar. L-ekwipaġġ tal-ajruplan inqabdu kollha priġunieri tal-gwerra. Dawn il-priġunieri, li kienu erbgħa bdoti, ġejjin minn pajjiżi tal-*Commonwealth*, ittieħdu Preveza, l-Greċja. Dawn ġew maqfula, pero ngħataw ospitalità tajba ħafna mit-Taljani.

L-għada filgħodu l-priġunieri ġew ordnati biex jitilgħu fuq ajruplan tal-baħar Taljan tat-



*Il-lanċa tas-salvataġġ HSL107 quddiem l-ajruplan tal-baħar Taljan tat-tip Cant-Z506 B taċ-139a Squadriglia Ricognizione Maritima, wara li niżel 'il barra mill-Bajja ta' San Pawl il-Bħhar.*
*(Sors: Mużew Nazzjonali tal-Gwerra – Heritage Malta)*

*ikompli f'paġna 120*

tip Cant-Z506 B taċ-*139a Squadriglia Ricognizione Maritima*, fejn kienu se jittieħdu Taranto għall-interrogazzjoni u wara jintbgħatu f'kamp tal-priġunieri tal-gwerra. Waqt li l-ajruplan kien fi triqtu lejn Taranto, l-priġunieri tal-gwerra tal-*Commonwealth*, irrealizzaw li l-għassies Taljan kien qed iħossu mdardar, u ħatfu l-opportunità billi irnexxielhom jegħlbu l-ekwipaġġ Taljan u ħadu l-kontroll tal-ajruplan Taljan. Dan kien fil-verità l-ewwel *hijack* fl-istorja tal-avjazzjoni.



*L-ajruplan tal-baħar Taljan tat-tip Cant-Z506 B bil-markings tal-RAF, sorġut Kalafrana.*
*(Sors: Mużew Nazzjonali tal-Gwerra – Heritage Malta)*

Waqt li l-ajruplan kien qed joqrob lejn Sqallija dawwar r-rotta lejn Malta, fejn waqt li kien qed javviċina l-kosta Maltija, ġie attakkat minn Spitfires Ingliżi. Wieħed mill-bdoti tal-*Commonwealth* beda jxejjer bandiera bajda u biex jevita milli jiġi mwaqqa' l-ajruplan, ordna lil bdot Taljan biex jinżel fuq il-baħar, fin-nofs, bejn San Pawl il-Baħar u Tas-Sliema. Eżattament malli l-ajruplan niżel fuq il-baħar spiċċalu l-fuel. Minn dan il-post *HSL107* ġibdet l-ajruplan lejn il-gżejjer ta' San Pawl, fejn wara s-*Seaplane tender* ġibditu lejn il-moll ta' San Pawl il-Baħar. Hemmek tniżżlu l-ħames Taljani u l-erbgħa bdoti tal-*Commonwealth*.

L-għada s-*Seaplane Tender* ġibdet l-ajruplan tal-baħar Taljan lejn il-Port il-Kbir biex jiġi eżaminat u minn hemmek tar lejn Kalafrana. Fil-31 ta' Lulju, nżebgħu l-*markings* tal-RAF fuq l-ajruplan. L-ajruplan kien se jintuża biex jiġbor bdoti li jkunu waqgħu fuq il-baħar, pero peress li kien ajruplan tal-għadu kien faċli għall-ajruplani Ingliżi li jaħsbuh ajruplan Taljan u jisparawlu. Għalhekk, fit-28 ta' Settembru l-ajruplan ħalla Malta għal Aboukir, l-Eġittu.



*l-lanċa tas-salvataġġ HSL107 fil-Bajja ta San Pawl il-Baħar.*
*(Sors: Mużew Nazzjonali tal-Gwerra – Heritage Malta)*

Fit-28 ta' Settembru, *HSL107* ġiet imsejjħa, fejn telqet minn San Pawl il-Baħar f'11.42am biex tfittex, pero ma sabet xejn u rritornat lura lejn il-bażi tagħha fin-12.27pm. Fil-5 ta' Ottubru, fis-6.35am *HSL107* telqet minn San Pawl il-Baħar bid-destinazzjoni tagħha tkun Kalafrana, pero f'ħin minnhom wieħed mill-iskruni tagħha laqat blata fil-baxx, bil-konsegwenza li kisser biċċa mill-qieħ tal-lanċa u beda dieħel

l-ilma. Fit-7.55am *ST338* telqet minn Kalafrana biex tiġbed l-*HSL107*, li kien rapurtat li kellha magna bil-ħsara, biex tissewwa fil-bażi ta' Kalafrana. Fis-7 ta' Ottubru, intbagħtet is-*Seaplane Tender A2* fil-bażi ta' San Pawl il-Baħar biex tassisti lil *ST280*, sakemm tissewwa *HSL107*. Fl-10 ta' Ottubru, il-ħsara li kellha *HSL107* issewwiet u rritornat lura fil-bażi ta' San Pawl il-Baħar. Fid-9.10am *ST280* telqet minn San Pawl il-Baħar fit-triqitha lejn Għawdex. *ST280* reggħet issejjħet minn San Pawl il-Baħar, fejn *Squadron Leader* Mike Stephens ġie salvat.



*Lanċa tas-salvataġġ fil-Bajja ta San Pawl il-Baħar protetta minn ajruplan tal-ġlied Ingliż tat-tip Supermarine Spitfire Mk.V. (Sors: Mużew Nazzjonali tal-Gwerra – Heritage Malta)*

Fis-17 ta Ottubru 1942, *HSL107* ġiet imsejjħa fin-12.34pm biex tfittex fit-Tramuntana ta' San Pawl il-Baħar, fejn żewġ bdoti Ġermaniżi ġew salvati 10 mili fil-Majjistral ta' Dellimara. Fis-26 ta' Ottubru *ST253* ħalliet Kalafrana għal San Pawl il-Baħar, mentri *ST280* ħalliet San Pawl il-Baħar għal Kalafrana. Fis-25 ta' Novembru, fis-1.07pm *HSL100* waslet San Pawl il-Baħar minn Tas-Sliema, mentri *HSL107* ħalliet San Pawl il-Bahar ħmistax-il minuta wara, biex tiġi ċċekkjatha f'Kalafrana. Fit-2 ta' Dicembru *HSL107* wasslet San Pawl il-Baħar fil-4.42pm minn Kalafrana, mentri *HSL100* telqet lejn Kalafrana fis-6.23pm, minn San Pawl il-Baħar. L-aħħar sejħa għal *HSL107* tas-sena 1942 kienet l-għada tal-Milied, meta ġiet ordnata tfittex għal ekwipaġġ ta' ajruplan tat-tip Wellington, 55 mil fix-xlokk ta' Malta. Ġew salvati ħames membri tal-ekwipaġġ.

L-aħħar darba li tissemma' l-bażi ta' San Pawl il-Baħar kien fl-4 ta' Marzu 1944, meta *HSL107* irritornat minn Kalafrana.

Din hija probabilment parti mill-istorja ta' San Pawl il-Baħar li hija ftit magħrufa, meta l-Awtoritajiet Militari Brittaniċi waqt l-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija infetħet bażi tas-salvataġġ. F'dak iż-żmien il-moll tal-Veċċja ma' kienx daqshekk twil. Apparti hekk hemm dar imsejjħa *Sunderland House* li kienet tospitha l-*personnel* ta din l-bażi. Din hija binja storika li sfortunatament qegħda fi stat ħażin u għandha bżonn tiġi restawratha.

---


**Referenzi**

- Frederick R. Galea, *Call-Out: A Wartime diary of Air/Sea rescue operations at Malta*, (Malta At War Publications, 2002).
- Philip Vella, Malta: *Blitzed But Not Beaten*, 7th Edition (Progress Press, 2001).
- http://www.timesofmalta.com/articles/view/20050401/letters/life-at-sunderland-house.94739